C/2026/6031

16.11.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12402 – PURATOS / DAWN)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/6031)

1. Fis-6 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Puratos Group NV ("Puratos", il-Belġju),

— Dawn Foods, Inc. ("Dawn", l-Istati Uniti).

Puratos se jakkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Dawn.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Puratos huwa produttur u fornitur globali ta' ingredjenti u soluzzjonijiet għas-setturi tal-furnara, tal-patisserie u taċ-ċikkulata,

— Dawn hija produttur u fornitur globali ta' ingredjenti tal-furnara, b'enfasi partikolari fuq oġġetti moħmija ħelwin ta' stil Amerikan.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12402 — PURATOS / DAWN

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").